**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 48/2017BS**

**Paul Saliba u Lucia Saliba**

**vs**

**Dr. Michael Portelli**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Paul Saliba u Lucia Saliba illi ppremettew:**

1. Illi nhar il-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tal-elfejn u sittax (21/12/2016), waqt li l-attur Paul Saliba kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Hyundai Excel, bin-numru ta' reġistrazzjoni AAO 838, fi Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Għawdex, hu kien involut f'inċident awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut tal-marka Hyundai Tucson, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL 952, meta safa investit mill-vettura tal-istess konvenut.

2. Illi l-attriċi Lucia Saliba kienet passiġġiera fil-vettura tal-attur.

3. Illi dan l-inċident awtomobilistiku seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut, minħabba negligenza, traskuraġni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu.

4. Illi kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra danni fuq il-vettura tiegħu u kif ukoll sofra ġriehi fuq il-persuna tiegħu.

5. Illi kawża ta' dan l-istess inċident l-attriċi sofriet ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha.

6. Illi allura kawża ta' dan l-inċident l-atturi sofrew diversi danni, konsistenti kemm f'danni inġenti, kif ukoll f'lukri cessanti.

7. Illi l-atturi jridu jiġu kkompensati għal dawn id-danni, u minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jersaq għal xi likwidazzjoni.

8. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Paul Saliba, li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-inċident fuq imsemmi li seħħ fil-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tal-elfejn u sittax (21/12/2016), fi Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Għawdex, seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut.

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-atturi, u dan kemm fir-rigward ta' danni emerġenti, kif ukoll dawk lukri cessanti.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha nklużi dawn tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dottor Michael Portelli illi eċċepixxa:**

(1) Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

(2) Illi l-inċident stradali ma kienx riżultat ta' negliġenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti iżda kien riżultat ta' kundizzjoni magħrufa bħala "aquaplaning" tar-roti tal-vettura, li wasslet sabiex il-vettura ma baqgħetx tirrispondi għall-kontroll tas-sewwieq tagħha;

(3) Illi per konsegwenza l-esponenti m'għandux jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

(4) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

(5) B'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat l-esponenti jissenjala s-segwenti:

(a) L-ewwel u t-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat mhumiex kontestati;

(b) Illi rigward il-kumplament tal-paragrafi tar-rikors ġuramentat dawn huma kontestati stante li ma jistax jitqies li l-inċident seħħ riżultat ta' negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti.

Rat il-provi u x-xhieda kollha.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2018 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tal-atturi u ħatret lil Mr Carmel Sciberras sabiex jeżamina lill-atturi.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru 2018 il-Qorti, kif dak iż-żmien presjeduta laqgħet it-talba tal-atturi u ħatret lill-Psikjatra Dr Joseph Cassar MD sabiex jeżamina lill-attriċi u jirrelata jekk hija sofrietx diżabilita` psikjatrika konsegwenza tal-inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Diċembru 2016 u jirrelata unikament dwar id-diżabilita' permanenti jekk kemm il-darba tirriżulta.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Jannar 2020 fejn laqgħet it-talba tal-atturi u ordnat lill-espert ortopediku Mr Carmel Sciberras sabiex jinvista lill-

attriċi u fl-ewwel lok jistabbilixxi jekk l-operazzjoni li saret fuqha f'Mejju 2019 kinitx riżultat tal-inċident stradali mertu ta' dik il-kawża jew kinitx riżultat ta' kundizzjoni oħra li kienet tbagħti minnha l-attriċi qabel l-inċident u fit-tieni lok sabiex jekk ikun il-każ jistabilixxi r-rata ta' diżabilita' mġarrba.

Rat l-atti kollha tal-kawża u l-provi illi tressqu mill-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li ġew skambjati bejn il-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

B'rikors ġuramentat tad-19 ta' Ġunju 2017 l-atturi mexxew bl-istanza tagħhom fejn qegħdin jitolbu kumpens għad-danni li garrbu konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Diċembru 2016. Jakkampaw it-talba tagħhom fuq danni akwiljani riżultanti mill-prinċipju bażilari ta' *neminem laedere* magħdud dan man-negliġenza kif sanċita a tenur tal-artikolu 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili.

L-atturi qegħdin jippretendu kumpens sia dwar danni emerġenti kif ukoll dwar telf ta' dħul finanzjarju.

Il-konvenut laqa' billi b'mod ġeneriku jgħid illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-inċident huwa konsegwenzjali għal *acquaplaning* tar-roti tal-vettura u konsegwenza ta' dan il-vettura ma baqgħetx tirrispondi għall-kontroll tas-sewwieq.

**Provi**

**Xhieda**

**PS1233 John Attard** xehed illi fil-21 ta' Diċembru 2016 għamel rapport u sketch fuq kollizzjoni wara li mar fuq il-post[1]. Huwa anke għamel skizz ta' l-inċident. Skond dan ix-xhud il-vettura AAD 838 kienet niezla lejn

[1] Ara Dok. JA 1 a fol 21 et seq tal-proċess.

Marsalforn fil-karreġġjata tagħha mentri l-vettura EBL 452 li kienet tielgħa, skidjat, ħabtet mal-vettura l-oħra u waqgħet fl-għelieqi. Jgħid illi dak inhar kienet għamlet ftit xita.

Skond dan ix-xhud il-lok fejn seħħ l-inċident huwa post fejn jiskidjaw il-karozzi ftit 'l isfel mill-Maxtura, *wedding hall*. Iż-żewġ vetturi kienu *total loss*. Jgħid li Lucia Saliba u zewġha ma kienux f'sensihom.

**In kontro-ezami** jgħid li meta mar fuq il-post ma setgħax jinnota *skid/brake marks* peress illi l-art kienet imxarrba. L-iskizz għamlu billi aċċeda fuq il-post wara l-inċident u ha l-kejl liema kejl indikah fuq l-iskizz. Il-posizzjoni tal-vettura ndikaha kif kienet minn mas-sinjal tan-nofs għal mal-ħajt fejn kien imwaqqa. Jikkonferma li l-konvenut dak il-ħin ikkonferma li l-vettura kienet skidjat.

In ri-ezami jgħid li l-vettura tal-konvenut kienet gol-għelieqi. Ix-xhud ikkonferma li hu ħa ir-ritratti R1 sa R4[2], eżatt kif ra il-vetturi fuq il-post.

**L-attur** xehed fis-seduta tal-21 ta' Diċembru 2016. Jgħid li huwa telaq mill-ħanut Mc Donald's fir-Rabat u kien sejjer lejn Marsalforn. Jgħid li huwa kien sejjer id-dar imma ma wasalx. Jikkonferma li kien qabad it-triq ta' Marsalforn. Jiftakar li kien niezel l-isfel u li kien wasal ħdejn il-post magħruf bħala Ta' Mena pero ma jiftakar xejn aktar. Jgħid li wara sab ruħu l-isptar. Miegħu fil-vettura kien hemm martu Lucy. Ma kienx jaf x'kienet il-kundizzjoni tagħha. Lanqas kien jaf li għabbewh fl-ambulanza.

**In kontro ezami** jafferma illi lanqas kien jiftakar li l-għada ta' l-inċident mar ikellmu l-konvenut. Jgħid li l-isptar dam tlett ijiem.

L-attur **Paul Saliba** kompla jixhed permezz ta' affidavit. Huwa jgħid li fil-ġurnata ta' l-inċident u ċioe' fil-21 ta' Diċembru 2016 għall-10.30pm hu u martu kienu sejrin lura d-dar u waqt li kienu fi Triq ir-Rabat, Marsalforn seħħ l-inċident. L-inċident seħħ ftit 'l isfel mill-Maxtura ġo kantuniera. Dan kollu jgħidu u jafu minn dak li qalulu l-familjari tiegħu għaliex hu per kawża ta' l-inċident ma jiftakar xejn minn dak illi ġara.

Dakinhar ta' l-inċident hu u martu Lucy kienu bil-karozza Hyundai Excel li għandha n-numru AAO 838 (Chassis No. KMHUF21RPNU972354). Il-

[2] A fol 30 u 31 tal-proċess.

karozza kienet għadha fi stat tajjeb u kien jużaha bħala karozza ta' kuljum. Il-valur tagħha qabel l-inċident kien ta' 950 euro. Illum din il-karozza ġiet skreppjata għaliex kawża ta' l-inċident il-karozza spiċċat *total loss*[3].

**Dr. Josette Rapa** in rappreżentanza ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex xehdet li mill-*files* jidher li Lucia Saliba ddaħħlet fid-dipartiment tal-emergenza fil-23:51[4]. Tgħid li hija rat lil Lucy li kienet involuta f'aċċident tat-traffiku u l-pazjenta kienet qegħdha tgħid illi kellha *loss of consciousness* pero' skont it-tabib li mar *on site* bl-ambulanza hi kienet *conscious* u kellmithom. Kienet tikkomplenja b'uġiegħ fuq sidirha u saqajha fuq in-naħa tax-xellug għax kellha ksur. X'hin ratha kienet konxja u kellmitha. Ma sibt l-ebda *entry* mill-*file* li ma kinitx konxja. Fil-*left tibia* kellha *open fracture* u kellha bzonn *suture*. Kellha wkoll ksur f'dik is-sieq. Sarilha il-ġibs. Mir-rapport irriżulta li l-attriċi kienet qed issofri minn '*non displaced fracture noted. Fracture of the left tibia extended from the ankle from surface to half way up to the skin*'. Saritilha operazzjoni u għamlulha *plate*. Ġiet operata minn Mr. Aquilina. Il-plate ġieli titħalla fil-post u ġieli titneħħa. L-operazzjoni saret fis-26 ta' Diċembru. Meta ġiet *discharged* baqgħet tmur l-isptar għal visti. Jirriżulta illi sal-vista li nżammet fil-5 ta' April 2017 l-attriċi kienet għada qiegħda timxi billi tagħmel uzu mill-krozzi. Jidher illi kellha tattendi għal vista oħra fl-isptar wara' tmien ġimgħat pero' tgħid li ma sabet l-ebda notament dwar dan fin-noti ta' l-isptar. Jigifieri sa dakinhar il-*plate* kienet għadha hemm. Mill-file ma jirriżultax jekk il-*plate* tneħħitx. Damet rikoverata l-Isptar sas-7 ta' Jannar.

Malli ddaħħlet l-isptar lill-attriċi itteħdilha CT scan tar-ras u t-*thorax* għax kienet tikkomplenja b'uġiegħ f'sidirha. Kellha wkoll ksur fil-kustilji. Mis-CT Thorax irriżulta li kellha *comminuted displaced fracture of the sternum* li hija l-għadma tal-qafas tas-sider. Kellha wkoll fuq iż-żewġ naħat fracture tal-kustilji mit-*third* sal-*eighth*. Tgħid li kien hemm ftit demm mal-pulmun sar intervent biex tneħħa. Dan l-intervent sar bil-loppju lokali u ma kienx hemm bżonn operazzjoni. Ġiet rikoverata fis-CCU billi kellha ftit demm mal-qalb u baqgħet għall–osservazzjoni fis-CCU. Il-*pleural tapping* sar fil-31 ta' Diċembru. Tneħħew 550mmls ta' *blood stained fluid*. Ir-rapport gie mmarkat JR1.

---

[3] Dok. AS 2 a fol. 84 tal-proċess.
[4] Ara r-rapport Dok. JR 1 a fol. 49 tal-proċess.

Rigward Paul Saliba dan rah Dr. Masini *on admission*. Iddaħħal l-isptar bl-ambulanza għall-habta ta' 23:37. Kien qed jilmenta minn uġiegħ fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru u fin-naha tax-xellug ta' rasu u n-naħa tal-għarqub. Billi kien qed jgħid li ma kien qed jiftakar xejn inżamm għall-osservazzjoni u sarlu CT *scan brain* li kkonferma li la kien hemm ksur u lanqas emoraġija. L-attur inżamm jumejn l-isptar u mar lura d-dar fit-23 ta' Diċembru.

**Francois Saliba** xehed illi fil-21 ta' Diċembru 2016 kien id-dar u kien bejn wieħed u ieħor il-ħdax ta' bil-lejl x'hin irċieva telefonata fuq il-*mobile*. Ħares lejn il-*mobile* u ra li kien missieru. Huwa raha stramba għax mhux soltu li jċempel dak il-hin. Missieru infurmah li xi ħadd kien ħabat fihom u li ommu kienet fi stat ħażin hafna. Jgħid li missieru uża l-kelma kissirna biex jiddeskrivi l-ħabta. Missieru ma kienx jitkellem sew u ma tantx seta' jifhem x'kien qed jgħid. Huwa staqsieh fejn kienu u telaq fuq il-post ta' l-inċident. Qabel telaq ċempel lill-ambulanza. Jgħid li l-post ta' l-inċident kien fejn il-Maxtura fit-triq ta' Marsalforn, eżatt mal-kisra. Wasal fuq il-post eżatt malli waslet l-ambulanza.

Jkompli li kif wasal ra lil missieru mixħut ma' l-art. Il-karozza tiegħu kienet qed tħares lejn Marsalforn fuq il-karreġġjata t-tajba, lanqas qabżet il-linja li tifred il-karreġġjati. Id-daqqa kienet *head on*. Il-karozza tal-konvenut spiċċat fil-wied ġo siġra tat-tin. Jgħid li l-konvenut ma ġralu xejn u ħareġ mill-karozza tiegħu u resaq ma' ġenb il-karozza ta' missieru fejn kien hemm ommu.

Jkompli li x'ħin mar fejn ommu sabha għadha titħabat fil-karozza. Saqajha kienu maqbudin god-*dash board* b'tali mod li ma setgħetx tiċċaqqlaq. Kellhom imorru tal-*fire rescue* sabiex joħorġuha mill-karozza. Jgħid li għall-bidu kienu ser jaqtgħu s-saqaf sabiex joħorġuha, pero' hu issuġġerielhom jaqtgħu l-pilastru ta' bejn il-bibien u b'hekk ikunu jistgħu joħorġuha bi dritt. F'dawk il-mument ta' paniku kbir ipprova jżomm lil ommu kalma u qagħad ikellimha u jgħidilha li kollox ser ikun sew. Saqajn ommu kienu kollha qsim, miftuħin ktieb. Kif harġuha mill-karozza baqgħu sejrin biha l-isptar. Is-Surġent li kien fuq il-post qallu biex jakkumpanjahom l-isptar. It-triq damet magħluqa sa xi l-4.00am. Ċempillu pulizija waqt li kien l-isptar biex jgħidlu li ser jiftħu t-triq. Huwa ċempel lil tat-*towing*.

Jgħid li huwa mar l-isptar ma' ommu u missieru. Jgħid ukoll li kienu wkoll marru xi pulizija jistaqsu xi domandi lil ommu u missieru pero' dawn ma kienux fi stat li jwieġbu. Kif raw dan il-pulizija telqu u ma reġgħux marru.

Jkompli jgħid li l-isptar lil missieru ħaduh biex jarah tabib għax kellu daqqa f'rasu u kien mitluf minn sensih. Kellu daqqiet ġol-kustilji wkoll. Sadanittant mar tabib biex jagħmel il-punti lil ommu f'saqajha. Baqa' l-ħin kollu ma' ommu għaliex riedet li jibqa' magħħa. Ommu ma waqfitx tewdhen u titlob waħedha. Lil ommu sarulha madwar 80 punt go saqajha. Fuq insistenza ta ommu ċempel lil oħtu ż-żgħira Rosabelle sabiex jinfurmaha bl-inċident. Ommu baqgħet tgħidlu biex ma jitlaqhiex.

Meta tlestew il-punti fuq saqajn ommu kienu xi l-ħamsa ta' filgħodu. wara ħaduha c-CCU għall-operazzjoni peress illi kellha sieqha tax-xellug miksura u sarulha xi erba' pinnijiet fejn għamlet xi erbat ijiem hemmhekk, imbagħad ħaduha ġol-*female ward*. Għarqubha ta' sieqha x-xellugija kien miksur ukoll. Wara kien sarilha CT scan u sabulha li kellha r-*ring* tan-nofs tal-kustilji mxaqqaq u l-kustilji kollha miksura. L-isptar damet xahrejn.

Jafferma li missieru kien għamel xi jumejn jhewden u kien jistaqsi lit-tabib jekk hux ser jibqa' hekk. Missieru ma kienx jaf li ċempillu jinfurmah bl-inċident u dan baqa' jistaqsih.

Rigward ommu jgħid li l-istat li tinsab ommu llum hu ferm differenti minn kif jafha qabel. Fejn qabel ommu kienet ħabrieka u qatt ma titlob l-għajnuna, illum tirrikjedi l-għajnuna għal kull ħaġa li tagħmel. Illum il-ġurnata intelqet ħafna għaliex wara l-inċident saħħitha ma tippermettilhiex. Jgħid li lanqas żżomm fuq saqajha għal ftit minuti u għadha tagħmel il-fiżjoterapija sal-ġurnata tal-lum per kawża ta' l-inċident.

Fil-**kontro eżami** jgħid li ommu damet xahrejn l-isptar wara l-inċident. Jgħid li l-ewwel kienet fil-*wheelchair* wara l-inċident u damet fil-*wheelchair* għax kienet damet ġibli 'l hawn u 'l hemm. Imbagħad ġiet bil-krozzi u wara kienet tmur għall-fiżjoterapija. Kellha żewġ krozzi. Jkompli jgħid li ommu tmur tgħum, u bdiet anke issuq. Dejjem jkun hemm xi ħadd

magħħa. Biex tidħol u toħroġ mill-karozza tgħina t-tifla tiegħu. Issuq karozza *automatic*.

**Rosabella Saliba** xehedet permezz ta' affidavit. Hija tgħid li fil-21 ta' Diċembru 2016 kienet ħarġet ma' xi ħbieb u wara marret id-dar tal-ġenituri tagħha. Xi għaxar minuti wara li daħlet id-dar daqq il-*mobile* u kien ħuha Francois Saliba li staqsiha jekk ommu u missieru kienux id-dar. Hija infurmatu li kienet għadha dieħla d-dar u kien jidher illi ma kienux hemm, u kompliet tistaqsih jekk riedx xi ħaġa. Dak il-ħin qabad u qalilha li ommha u missierha kienu jinsabu l-isptar. Inħasdet, libset u telqet lejn l-isptar. Iddeċidiet li tgħaddi minn fejn seħħ l-inċident u ċioe' fi Triq ir-Rabat Marsalforn. L-inċident seħħ ftit 'l isfel mill-Maxtura go kantuniera.

Tgħid li malli bdiet toqrob lejn il-post rat il-pulizija. Waqqfuha peress illi t-triq kienet magħluqa u qalulha biex tgħaddi minn triq oħra. Infurmat lill-pulizija li fl-inċident kienu nvoluti ommha u missierha u ħallewha tgħaddi. Baqgħet sejra u waqfet fejn kien seħħ l-inċident, fil-kantuniera. Lil ommha u missierha ma laħqithomx fuq il-post. Kienu diġa' l-isptar.

Ix-xena kienet vera kerha. Setgħet tara l-karozza ta' missierha fi stat diżastruż. Kellha l-parti ta' quddiem mfarrak. Sal-lum għadha ma tafx kif baqgħu ħajjin.

Tgħid li l-karozza tal-konvenut kienet fuq il-karreġġjata l-ħażina mis-sies għal isfel.

Tkompli li mbgħad marret l-Isptar. Hemm sabet lil missierha b'*concussion* mitluf minn sensieh. Dam mis-siegħa sal-erbgħa ta' filgħaxija jirrepeti l-istess kliem għaliex ma kienx jaf x'ġara. Rat lil ommha wkoll. Kienet fi stat kritiku mmens u mitlufa minn sensieha wkoll. Kellha saqajha miftuħin, bil-qasba ta' saqajha miksura u għarquba miksur. Kellha l-kustilji miksura kollha. Tant kienet xena tal-waħx li kellha tohrog barra għax ma felħitx tara aktar. Lil ommha kienu daħħluha c-CCU, u qattgħu l-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-Isptar. Il-familja kienet imkissra. Minn dak inhar il-ħajja nbidlet kompletament.

Tgħid li qabel l-inċident ommha kienet mara attiva u tax-xogħol. Kienet dejjem għaddejha, taħsel l-art, tfarfar, jew tlesti l-ikel. Kienet tagħmel dak kollu li jkun hemm bżonn. Dejjem kienet issib kollox lest għaliex

ommha kienet tlestilha kollox. Ma kien jonqosha xejn. Illum dan inbidel ta' taħt fuq għax ommha trid min jiehu hsiebha l-hin kollu u mhux tiehu ħsiebhom hi. Spiċċat taħdem shift ta' 12-il siegħa u meta tasal id-dar trid tagħmel kollox hi. Qabel kienet issib kollox lest, bħal ħwejjiġha u l-ikel, pero' issa trid tagħmlu hi apparti t-tindif. Ġieli tkun f'nofs biċċa xogħol, bħal tahsel l-art u jkollha tieqaf sabiex twassal lil ommha l-isptar għal xi appuntament tat-terapija. Ħajjitha saret bla waqfien.

Tkompli li illum il-ġurnata hija ma tistax toħroġ fil-għaxija meta missierha jinzerta xogħol. Missierha jaħdem *nursing aid* u għalhekk ġieli jinzerta jkun xogħol bil-lejl. Meta jiġri hekk ikollha tibqa' d-dar ma' ommha peress illi m'għadhiex ta' wahedha. Trid min idur biha jew joqgħod magħha. Tirrikjedi ħafna għajnuna bħal min jaħsilha, għajnuna biex tilbes. Tieħu qatgħa meta jkunu ħerġin għax ikollha toqgħod tqandilha biex tilbes. Trid ħafna ħin magħha. Ommha llum m'għadhiex kapaċi tagħmel ħlief ftit mumenti fuq saqajha, tkun skomda u tkun trid terga' tpoġġi bil-qiegħda.

Għall-bidu li ommha marret id-dar kienu jaħsluha ġos-sodda u kienet damet madwar tliet xhur jekk mhux iktar fil-*wheelchair*. Ommha thallasha u ttiha mija u ħamsin ewro fix-xahar ta' dak kollu li tagħmel magħha. Ilha tatihomlha minn dakinhar ta' l-inċident. Hutha jikkontribwixxu fil-kura ta' ommhom ukoll.

Fil-**kontro ezami** tgħid li dakinhar ta' l-inċident missierha kien jirrepeti l-istess kliem mis-siegħa sal-erbgħa ta' fil-għaxija. Għamel xi jumejn bil-*concussion*. Ommha damet l-isptar sas-7 ta' Jannar 2017. Kif ħarġet mill-isptar kienet fil-*wheelchair* u damet sa hekk Lulju. Imbagħad bdiet tuża l-krozzi, kellha tnejn u mbagħad qalbet għall-krozza waħda madwar sena ilu. Tgħid li lil ommha iridu jgħinuha biex tinżel tgħum pero issa ġieli tmur waħedha. Issa qed issuq karozza *automatic* u kapaċi tidħol u toħroġ mill-karozza waħedha.

Għal darb ohra tgħid li ommha tħallasha talli ddur biha pero` lil ħutha ma ttihom xejn u dana billi hija għadha d-dar u tagħmel kollox hi. Ommha ma kenitx taħdem qabel l-inċident pero kienet attiva ħafna.

**L-Attriċi Lucia Saliba** tgħid li dak inhar ta' l-inċident jigifieri fil-21 ta' Diċembru 2016 hija kienet fil-karozza ma żewġha. Ir-raġel kien qed isuq u hija kienet passiġġiera. Kienu sejrin lejn id-dar għall-ħabta ta' l-10.30,

minn tal-Maxtura 'l isfel, mir-Rabat għal Marsalforn. Ma tiftakar xejn mill-inċident. Tgħid li ma rat xejn u kulma tiftakar li sabet ruħħa fuq is-sodda ta' l-isptar. Tgħid li l-memorja ġietha xi ħamest ijiem wara. Meta seħħ l-inċident kellha 54 sena u żewġha kellu 55 sena. Il-karozza saret ragħad u kellhom jiskreppjawha.

Tkompli tgħid li skond kif qalilha t-tifel biex ħarġuha mill-vettura qatgħu l-pilastru tal-karozza. Tgħid ukoll li kellha ksur f'sieqha u kellha 60 punt u hames *pins*. Tkompli tgħid li kellha kustilji miksurin u li għadha tidhol l-isptar bl-uġiegħ u jgħidulha li ma hux ser tfieq mil-lum għal għada. Tgħid li l-kustilji fiequ wara xahrejn imma għadha qed tmur għat-terapija minħabba saqajha. Illum x'hin tmur tahsel 4 jew 5 platti jew xi borma tgħejja u jkollha tmur tpoġġi bil-qiegħda. Għadha timxi bil-ħadida.

Tgħid li l-isptar damet mill-21 ta' Diċembru 2016 sas-7 ta' Jannar 2017. Wara li ħarġet mill-isptar damet tlett xhur bil-*wheelċhair*. Kienet dipendenti u t-tfal kienu jridu jitqassmu sabiex jagħtuha l-għajnuna. It-tifla Rosabelle Saliba kienet tieħu l-leave biex tkun magħħa. Qabel l-inċident hija kienet tagħmel il-faċendi tad-dar kollha, tahsel l-art, ħwejjeġ, tisjir u l-bżonnijiet tad-dar kollha. Wara l-inċident it-tifla kienet tgħin ħafna u uliedha l-ohra kienu jitqassmu. Kellha tixtri pultruna apposta, siġġu u ħafna affarijiet. Tgħid li kienet qisha marida u r-raġel kien jkollu jaħsilha bħal waħda xiħa.

Meta ħarġet mill-isptar kienet fil-*wheelchair*. Tgħid li llum timxi imma sieqha ma tistax toqogħod ħin twil fuqha. Illum għandha bżonn l-għajnuna biex tagħmel il-faċendi u xogħol li qabel kienet tagħmlu waħedha.

Tgħid li sal-lum għadha ma tatx kumpens lil min jgħinha. Tkompli li kawża ta' l-inċident żiedet fil-piż b'tant li minn 90kg giet tiżen 125kg. Kawża ta' l-inċident ukoll tgħid li qed tbati b'ħafna nervi. Meta jkunu għaddejjin mill-post fejn seħħ l-inċident jkollha ddawwar rasha u tibda tibża. Meta reġgħet lura d-dar wara l-inċident tgħid li kienet tibża tant li t-tabib kien taha pillola pero għaliex ma kinitx qed torqod bil-lejl u il-psikjatra Dr. Anton Grech ippreskrivielha pilloli biex torqod. Minn

ċertifikat maħruġ mill-psikjatra Dr Anton Greċh jirriżulta li l-attriċi tinsab tbagħti minn *anxiety disorder*[5].

**In kontro ezami** tgħid li hija ma tiftakarx kif gara l-inċident. Li tiftakar huwa li kienet niezla d-dar mar-ragel. Kienu niezlin mir-Rabat għal Marsalforn. It-temp kien tax-xitwa. Kienet ftit rxiex.

Ma baqgħetx fil-*wheelċhair* wara tliet xhur. Tgħid li għal bidu bil-krozzi xorta waħda ma setgħetx timxi billi sieqha ma felħithiex. Tkompli tgħid li għall-ewwel kienet b'żewġ krozzi imbagħad bdiet tuża waħda. Damet sitt xhur hekk.

**Il-Konvenut Dr. Michael Portelli** xehed permezz ta' affidavit. Skond hu fil-21 ta' Diċembru 2016 għall-habta tal-hdax ta' bil-lejl kien qed isuq minn Marsalforn lejn ir-Rabat. Kif telaq minn Marsalforn kienet għadha nieżla xita, kemm kemm ixxarrab it-triq. Kien isuq b'veloċita normali u mhux eċċessiva forsi xi 70 jew 80 kilometru fis-siegħa peress illi l-post mhux abitat. Ftakar dan għax il-vleġġa ta' l-*ispeedometer* kienet thares lejn ix-xellug. Ma kellux *mobile* f'idu, idejh kienu t-tnejn fuq l-*isteering*, u ma kellux distrazzjonijiet.

Il-kundizzjonijiet tat-triq inbidlu meta kien tiela' minħabba t-traxxix tax-xita. Kif wasal ftit qabel il-Maxtura, mar idawwar ftit mal-liwja, għafas il-*brake* biex ikun jista' jdur aħjar, u fil-pront ħass il-karozza ddur minn wara, b'tali mod illi ġiet miexja b'mod orizzontali lejn il-karreġġjata opposta, ċioe' skidja. Fil-paniku beda jdawwar l-*isteering* u jagħfas il-*brake* imma kien kollu għal xejn. Ftit sekondi qabel l-impatt ra karozza riesqha lejh fuq il-karreġġjata opposta li kien dieħel fiha, imma l-karozza tiegħu l-ewwel ħabtet maċ-ċint tan-naha l-ohra tat-triq, imbagħad seħħ l-impatt mal-karozza l-ohra. L-impatt sar fuq il-bieba tal-passiġġier tal-karozza tiegħu, u fortunatament ma kien hemm ħadd miegħu fil-vettura. Ma' l-impatt ħass is-*seatbelt* jaqbdu fis-*seat*, il-karozza tiegħu daret 180 *degrees* u spiċċat fl-għalqa fin-naħa l-oħra tat-triq, tħares lejn is-sema, maqluba ftit fuq in-naħa tal-passiġġier. Fl-ebda mument ma ntilef minn sensih u jiftakar sew x'ġara.

Għal xi mumenti wara l-impatt kien taħt xokk, izda mbagħad beda jirrealizza x'kien ġara. Ipprova jiftaħ il-bieba tan-naħa tiegħu, iżda billi

[5] Dok. AS 5 a fol. 99 tal-proċess.

l-karozza kienet ġiet tistrieħ tħares ʻil fuq, il-bieba tiegħu bdiet tingħalaq lura bil-piż tagħha stess, u ma rnexxilux jiftaħa. Huwa kellu jaqbeż fuq il-*passenger seat*, fetaħ il-bieba, u ħareġ minn hemm. Jiftakar illi ra żewġ persuni jħarsu lejh, staqsewh hux kollox kien sew. Ma jafx min kienu ż-żewġ persuni. Għinuh jitla′ fit-triq, peress illi kien hemm ċint zgħir, u sakemm tela′ kienu diġa′ laħqu waslu żewġ ambulanzi u karozza tal-Pulizija. Minnufih mar is-surġent tal-pulizija jistaqsih x′ġara u spjegalu kif kien skidja u spiċċa fuq in-naha l-oħra tat-triq. Sadanittant kienu għarfu xi membri ta′ l-isptar u kien qalilhom biex jieħdu hsieb il-koppja l-oħra. Ġie miżmum lura mill-istaff mediku minħabba l-istat ta′ aġitazzjoni li kien jinsab fih u għalhekk ma marx jagħtihom l-għajnuna. Peress illi Lucia Saliba ma setgħetx toħroġ mill-karozza issejħu fuq il-post membri mid-dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Paul Saliba inħareġ mill-karozza mingħajr problema ta′ xejn.

Jgħid illi il-*mobile* tiegħu kien fuq il-*passenger seat* u mal-impatt infaqgħet it-tieqa tal-*passenger seat* u l-*mobile* tar għal nofs it-triq. Ġabar il-*mobile* mit-triq, ċempel lil mara u qalilha tmur ħdejh. Staqsietu fuq id-dinamika ta′ l-inċident, u spjegalha x′kien ġara. Martu wkoll qaltlu li kienet ħasset it-triq perikoluża għaliex kienet imxarba minħabba x-xita, hi u nieżla lejn il-post fejn seħħ l-inċident. Sadanittant, iż-żewġ persuni l-oħra involuti kienu ttieħdu l-isptar bl-ambulanza u kien xtaq imur jarahom. Mar id-dar flimkien ma′ martu, ha kafe u baqgħu sejrin l-isptar biex jaraw x′kien qed jiġri. Minn indaġni li għamel sar jaf li Paul Saliba kellu xi tbenġil u daqqiet mill-inċident, imma ma kellux ksur, filwaqt illi Lucia Saliba kellha xi ksur fil-kustilji u f′saqajha. Dan kollu kkonfermawh l-istaff mediku l-isptar. Infurmawh illi l-koppja kienu ser jibqgħu l-isptar. Paul ġie rikoverat fis-sala ġenerali u Lucia ttieħdet is-CCU. Martu marret lura lejn id-dar, iżda hu baqa′ l-isptar jistenna r-riżultat tas-CT *scan* għaliex ried jaċċerta ruħu li ma kienx hemm perikolu ta′ mewt. Irriżulta illi l-ġrieħi ta' Lucia kienu gravi, izda ma kienux ser jikkawżaw mewt. Lilu wasslu id-dar tabib ħabib tiegħu f′xi 2.30am.

L-għada ta′ l-inċident, mar fid-9.30am u kellem lil Paul Saliba, imbagħad mar ikellem lil Lucia Saliba s-CCU. Kellha tiġi operata minħabba l-ksur li kellha f′saqajha fis-26 ta′ Diċembru 2016. Billi jaħdem l-isptar kemm damu hemm kien jarahom kuljum u allura kien ikun jaf x′inhu għaddej. L-inċident seħħ fil-jum ta′ l-Erbgħa u Paul ġie rilaxxat il-Ġimgħa. Lucia ġiet rilaxxata fis-7 ta′ Jannar 2017. Meta qalbet għall-ahjar Lucia ġiet trasferita fil-*general ward* tan-nisa mis-CCU. Ir-rapport bejniethom

dejjem baqa' tajjeb, u dejjem offra kull għajnuna li seta' kellhom bżonn, anke professjonalment.

Ilu jsuq mis-sena 1992. Dakinhar ta' l-inċident kien qed isuq Hyundai tal-marka Tuscon, u l-karozza kien jagħtiha *service* regolari, kif huwa suġġerit mill-*manufacturer*. Jiftakar illi kien għadu kemm bidlilha t-*tyres* xi xahrejn qabel u sa llum ma jistax jifhem kif seħħ l-inċident. Il-karozza tiegħu kien fiha *traction control system* u kienet *four wheel drive* izda xorta spiccat *total loss*. Jgħid illi ż-żewġ vetturi spiċċaw *total loss* għaliex l-impatt ma kienx wieħed zgħir.

Il-*breathalyser test* ma tteħidx għaliex ma kien hemm ebda suspett li seta' kien xurban. L-inċident seħħ għaliex il-kundizzjonijiet tal-wiċċ tat-triq inbiddlu minħabba li bdiet traxxax ix-xita.

Lil Paul u lil Lucia ġie li rahom barra mid-dar. Mhux f'posizzjoni li jgħid kemm fadlilha biex tirkupra, iżda jaf li saħħitha marret għall-ahjar, għax għall-ewewl tliet xhur kienet f'siġġu tar-roti imbagħad bdiet timxi bl-għajnuna ta' żewġ krozzi u issa qegħdha timxi bi krozza waħda biss.

**In kontro ezami** jgħid li dakinhar ta' l-inċident kien tiela' minn Marsalforn għar-Rabat u li kien waħdu fil-vettura. Kien ġej minn funzjoni privata, ikla li kienet Villa Fiorita, sejjer għad-dar. Kienet ikla tal-Milied u ma kien xorob assolutament xejn. Jikkonferma li l-karozza skidjat x'hin ġie fil-kisra jew liwja ta' fejn ġara l-inċident. Jispjega li biex tieħu l-liwja jekk tkun ġej mid-direzzjoni li minnha kien ġej hu trid tagħfas il-*brake* u kif dawwar l-i*steering* u ħa *brake* tilef il-kontroll tal-karozza min-naħa ta' wara. Jtenni li ħass il-vettura ddur min-naħa ta' wara. Ħareġ mill-karozza u baqa f'sensieh. Il-karozzi li kienu għaddejjin dak il-hin ta' l-inċident waqfu biex jagħtu l-għajnuna. Wara t-triq ingħalqet mill-pulizija sakemm saru l-aċċertamenti tal-każ. Il-ħabta saret fil-karreġġjata opposta, fil-karreġġjata ta' Saliba. Il-vettura li ħabat fiha ma tharkitx mill-post fejn kienet. Il-karozza ġiet *sideways* peress illi l-impatt kien fuq in-naha tal-passiġġier tiegħu. Daret fuqha nnifsiha u spiċċat thares 'il quddiem fin-naħa l-oħra fl-għalqa ta' dik in-naha. Hemm ċint fl-għalqa, liema ċint infaqa'. Fil-ħin ta' l-inċident ġew tac-*civil protection*, pero' billi kien taht xokk kbir ma jiftakarx jekk tac-*civil protection* ħarġux lil Lucy Saliba mill-vettura billi qatgħu jew iċċesjaw il-karozza.

Jtenni li l-ewwel habat maċ-ċint imbagħad mar għal gol-karozza imbagħad reġġha mar għan-naha taċ-ċint - qisu effett ta' molla. Il-ħsara kienet konsiderevoli. Il-karozza kienet *total loss*. Jsostni li kien qed isuq bejn is-70 u t-80 kilometri.

**Amanda mart Raymond Haber** permezz ta' affidavit tgħid li hija tahdem bħala *senior staff nurse*. Dak inhar tal-inċident de quo kienet xogħol l-Isptar Generali ta' Għawdex fid-Dipartiment ta' l-Emergenza.

Kienet dahlet telefonata tard fil-għaxija għaliex kien seħħ inċident fit-triq li tagħti għal Marsalforn, liema inċident kien jikkonsisti f'ħabta. Minnufih ħarġet l-ewwel ambulanza, imbagħad ħarġet it-tieni ambulanza. Kienet fit-tieni ambulanza, u magħha kien hemm it-tabib Dr Joseph Galea, in-nursing aid Joseph Mercieca u s-sewwieq ta' l-ambulanza.

Huma u neżlin mir-Rabat lejn Marsalforn, sewwa sew fin-niżla quddiem il-Knisja magħrufa bħala Tal-Kapuċċini, it-triq kienet tiżloq hafna. Fil-fatt l-ambulanza bdiet tinħass tiżloq min-naħa ta' wara, u s-sewwieq kellu jnaqqas ftit mill-veloċita' għaliex beża' li jitlef il-kontroll. Hi u xi ħadd minn shabha bdew jgħidu lix-xufier inaqqas mill-veloċita' minħabba dan. Minn fejn il-Knisja tal-Kapuċċini sal-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident, it-triq kienet kollha tizloq, għaliex kienet għamlet ftit tax-xita.

Kif waslu fuq il-post rat lil Dr Michael Portelli taħt iċ-ċint ma' ġenb il-vettura tiegħu u qalilha li kollox kien ok. Għalhekk bdiet taħdem fuq iż-żewġ persuni li kienu fil-vettura l-oħra involuta fl-inċident. Kellha x'taqsam biss mal-passiġġier Lucia Saliba. Hi kienet fil-*passenger seat* u kienet maqbuda fil-karozza. Kellhom jagħtuha l-għajnuna membri mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, li kienu wkoll fuq il-post. Tikkonferma li l-pazjenta kienet taħt xokk kbir u kienet konxja l-hin kollu. Kienet muġugħha f'saqajha. Dan tafu għaliex bdiet tokrob bl-uġiegħ.

Kif inħarġet mill-karozza, lil Lucia Saliba ħaduha lejn l-Isptar Generali ta' Għawdex sabiex jittieħdulha l-xrays. Ma kienitx f'posizzjoni li tikkummenta dwar il-gravita' tal-ġrieħi li sofriet, għaliex huwa biss tabib li jkun f'posizzjoni illi jikkonferma dan. Minn dakinhar 'il quddiem, ma

reġġhetx kellha xi kuntatt ieħor mal-partijiet f'dak li kien jirrigwarda l-inċident.

**In kontro ezami** tgħid li kienet ilha taħdem fid-Dipartiment ta' l-Emergenza ħmistax –il sena. Tgħid illi dak il-ħin li kienu qegħdin isuqu fuq il-post tal-inċident ma kinitx nieżla xita biss kienet għamlet ftit xi ħin qabel u l-art kienet tiżloq tant illi l-ambulanza inħasset iddur minn wara għalhekk naqqsu l-veloċita` li kienu qegħdin isuqu biha. Malli waslu fuq il-post raw li l-vettura tal-intimat kienet fuq il-karreġġjata opposta u qabżet iċ-ċint għal ġo għalqa. Rigward il-konvenut tgħid li huwa jkun fl-emerġenza, imma mhux stazzjonat hemm il-ħin kollu. Kien tabib ta' l-emerġenza wkoll. Jafu lil xulxin bħala kollegi fuq ix-xogħol.

**Dr Joseph Galea**, xehed permezz ta' affidavit u jgħid li huwa kien jifforma parti mit-tim mediku li gie msejjah fuq il-post wara li daħlet telefonata li kien seħħ inċident tat-traffiku fit-triq li tagħti għal Marsalforn. Jiftakar illi kien ix-xahar ta' Diċembru 2016 u kien bil-lejl.

Kien f'ambulanza li niżlet fuq il-post. X'ħin waslu fuq il-post jiftakar li ġa kien hemm il-Pulizija. Meta kienu msejħin ma kienux jafu min huma l-persuni nvoluti fl-inċident. Sar jaf li kien hemm Dr Michael Portelli x'ħin wasal fuq il-post. Dr Portelli ma kienx fil-vettura tiegħu. Jgħid li għall-ewwel ma ndunax li huwa kien involut fl-inċident u ħaseb li kien waqaf biex jagħti l-ewwel għajnuna tiegħu. Pero' huwa kien qallu li kien qed isuq waħda mill-vetturi nvoluti fl-inċident. Il-vettura ta' Dr Portelli parti minnha kienet barra mit-triq. Kien hemm ukoll koppja oħra li kienu nvoluti fl-istess inċident. Il-koppja kienu maqbuda t-tnejn li huma fil-vettura tagħhom.

Bħala kundizzjonijiet tat-temp jiftakar li kienet għamlet ftit xita u waqfet u għalhekk il-kundizzjonijiet tat-triq ma kienux tajbin għas-sewqan. Fil-fatt minn amment li għandu t-triq ma kinitx imxarba ħafna proprju għaliex ma kinitx għamlet hafna xita. Bħala sewwieq jaf li meta t-triq tkun imxarba bħal dakinhar vettura faċilment tiskidja.

**In kontro ezami** jgħid li fid-data ta' l-inċident kien tabib ta' l-emergenza. Hu u l-konvenut huma kollegi tax-xogħol. Rigward il-vjaġġ fl-ambulanza jgħid li għalkemm huwa xtaq illi jsuqu b'aktar veloċita` ma setgħux minħabba l-kundizzjoni tat-triq wara x-xita. Jgħid li wieħed irid joqgħod kawt.

**Ir-Relazzjoni Teknika redatta mill-Kirurgu Ortopediku Mr Carmel Sciberras**

Fis-17 ta' Mejju 2018, fuq inkarigu tal-Qorti, Carmel Sciberras eżamina lill-attriċi Lucia Saliba[6]. Irriżulta illi l-attriċi "ġarrbet ksur gravi f'riġlejha x-xellugija" u dan affettwalha l-ġog tal-għaksa. Konsegwenza ta' dawn il-ġrieħi hija sofriet moviment ridott sew tal-irkobba kif ukoll tal-għaksa u l-mixi sar aktar diffiċli. Il-*pins* għadhom fir-riġel u għandhom jibqgħu hemm diment li ma jwasslux għal xi kumplikazzjoni. Il-ksur li sofriet fil-kustilji u l-għadma tal-għasfur tas-sider mhux jikkawżaw problemi sinifikanti.

L-attriċi ġiet ċertifikata bħala li ġarrbet **diżabilita` permanenti ta' 10%**.

Fuq ordni tal-Qorti mogħtija b'digriet tat-3 ta' Jannar 2020, l-espert ortopediku reġa' nvista lill-attriċi[7]. Irriżulta illi wara li sar l-ewwel eżami mill-espert ortopediku, l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ fl-għaksa x-xellugija li saħansitra baqgħet tintefaħ. Fis-7 ta' Jannar 2019 l-attriċi ssottomettiet ruħha għal CT scan tal-għaksa u fit-28 ta' Mejju 2019 għal artroskopija. Ġie kkonfermat illi kien hemm deġenerazzjoni qawwija fil-ġog. Tpoġġew żewġ viti sabiex jintrabat il-ġog u fil-31 ta' Mejju 2019 l-attriċi ntbagħtet lura d-dar b'riġlejha fil-ġibs u damet sitt ġimgħat timxi bil-krozzi. L-attriċi kellha wkoll tibda tilbes tip ta' żarbun speċjali li setgħet tneħħih biss matul il-lejl, biex tinħasel u tgħum. Numru ta' ġimgħat wara bdiet tuża krozza waħda u n-nefħa bdiet nieżla wkoll. L-attriċi għada fi stat fejn teħtieġ għajnuna kontinwa, ssibha diffiċli tinżel it-taraġ u anki timxi.

Ikkonkluda illi d-deġenrazzjoni tal-ġog hija dovuta għall-ksur illi ġarrbet fl-inċident de quo. Jgħid għalhekk illi komplessivament l-attriċi ġarrbet debilita` permanenti ta' 12% u ċioe żewġ punti perċentwali aktar minn dawk li kien ikkostatata fl-ewwel relazzjoni tiegħu.

**In eskussjoni**

[6] A fol. 104 et seq. tal-proċess.

[7] A fol. 183 tal-proċess.

**Ir-Relazzjoni Teknika redatta mill-Psikjatra Dr Joseph Cassar**

Wara li fit-22 ta' Jannar 2019 eżamina lill-attriċi, ikkonstata illi hija tinsab issofri minn ansjeta' u nevrożi trawmatika (*Post Traumatiċ Stress Disorder*) b'rata ta' **diżabilita` ta' 15%**.

**Ir-Relazzjoni ex parte redatta mill-Kosulent Ortopediku Mr Mark Portelli**

Wara li eżamina lill-attriċi nhar it-3 ta' Diċembru 2019 ikkonkluda illi hija għadha qegħda ssofri minn diżabilita' permanenti fl-għaksa x-xellugija[8]. Din id-diżabilita` hija konsegwenzjali għall-ġrieħi illi ġarrbet fl-inċident stradali tal-21 ta' Diċembru 2016. Jgħid għalhekk illi l-attriċi ġarrbet diżabilita' permanenti ta' 18%.

**Ikkunsidrat**

Bħal ma komunement jiġri f'kawżi dwar inċidenti tat-traffiku bħal ma huwa l-każ in diżamina, il-verżjonijiet tal-partijiet fil-kawża għandhom tendenza li jkunu kontrastanti. Sta għall-Qorti illi fid-dawl tal-kostatazzjonijiet fattwali li jkunu saru tipprova tislet apprezzament xieraq tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet biex b'hekk tkun tista' tasal sabiex tistabbilixxi min għandu jġorr responsabilita` għall-akkadut. Il-Qorti trid għalhekk tistabbilixxi liema verżjoni hija l-aktar tenibbli u viċin is-sewwa u toqgħod ma' dik il-verżjoni. Jekk imbagħad ebda waħda mill-verżjonijiet mogħtija ma tikkonvinċi l-Qorti, ma jkun fadal ebda għazla oħra għajr illi l-Qorti tattribwixxi ħtija lill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom[9]. Fejn mill-banda l-ohra l-Qorti tqis illi l-verżjonijiet kollha għandhom mis-sewwa, il-Qorti trid tħares lejn il-provi mressqa biex tistabbilixxi jekk l-atturi skarikawx il-piż tal-prova u fin-nuqqas tqis l-ilment bħala mhux ippruvat.

Il-Qorti jidhrilha li tressqu biżżejjed provi li jistgħu jgħinuha tistabbilixxi sewwa sew x'ġara fil-jum tal-inċident de quo. Eżaminati l-atti u x-xhieda l-Qorti hija tal-fehma meqjusa illi l-konvenut kellu rwol prinċipali f'dak li ġara fil-jum tal-inċident mertu ta' din il-kawża u għalhekk il-konvenut

[8] A dol. 174 et seq. tal-proċess.
[9] Ara: **Maria Concetta Sammut vs Stephen Mc Carthy**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 9 ta' Lulju 2020

ma jistax jeżimi ruhu mir-responsabilita` tiegħu għal dak illi ġarrbu l-atturi billi jattribwixxi l-ħtija għall-inċident għal sitwazzjoni teknika fil-vettura li rriżultat konsegwenza tal-irxiex tax-xita u toroq imxarrbin.

Ġie ampjament ikkonfermat illi dak inhar tal-inċident kienet raxxet ix-xita u konsegwenza ta' dan it-triq fejn seħħ l-inċident de quo ġiet tiżloq ħafna. Dan jinsab fermament ikkonfermat minn Amanda Haber u Dr. Joseph Galea li t-tnejn kienu riekba fuq l-ambulanza li marret tagħti sokkors lill-atturi immedjatament wara l-inċident. Dawn iż-żewġ xhieda kkonfermaw illi l-art kienet tiżloq tant illi x-xufier tal-ambulanza kellu jnaqqas il-veloċita` tas-sewqan għaliex l-ambulanza inħasset iddur minn wara. Dr Joseph Galea kkonferma illi f'dawk il-kondizzjonijiet speċifiċi is-sewwieqa riedu jkun aktar kawti.

Jirriżulta illi dak inhar tal-inċident il-konvenut kien sejjer lura d-dar wara li attenda għal ikla tal-Milied. Jgħid illi ma xorob xejn, ma kienx distratt u l-*mobile* kien fuq is-*seat* tal-passiġġier. Din ix-xhieda ma ġietx ikkontestata. Jgħid ukoll illi ma kienx qiegħed isuq b'veloċita` eċċessiva iżda li meta ġie biex jaqbad il-kisra fit-triq, konsegwenza tat-toroq imxarrba u jiżolqu, il-vettura skiddjat u tilef il-kontroll tagħha.

Il-vettura tal-konvenut spiċċat fuq il-karreġġjata opposta għal dik li kien qiegħed isuq fiha l-konvenut, ħabtet ġo dik tal-atturi u baqgħet miexja sakemm daħlet f'ċint, faqgħetu u nqalbet bl-lura fl-għalqa. Ir-ritratti li ġew esebiti jixhdu l-vjolenza tal-impatt u d-danni li rriżultaw. Fil-fatt iż-żewġ vetturi ġew dikjarati *total loss*. Dawn ix-xeni jkomplu jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-aġir tal-konvenut ikkontribwixxa għall-inċident li kkawża danni serji lill-atturi. Waqt li huwa minn għewl id-dinja li vettura faċilment tiskidja meta t-toroq jixxarrbu, fl-istess waqt, tenut kont tad-danni li rriżultaw u li huma evidenzjati mir-ritratti, huwa inverosimili li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċita' moderata. Id-dinamika tal-inċident aktar turi li l-konvenut kien għaddej b'veloċita` akbar minn dak illi jgħid u konsegwenza ta' dan u tal-fatt illi l-art kienet imxarrba u tiżloq, malli qabad il-kisra fit-triq huwa tilef kompletament il-kontroll tal-vettura li ħabtet b'impatt qawwi u vjolenti fil-vettura tal-atturi. Li kieku l-konvenut kien aktar kawt u kien qiegħed isuq b'veloċita` aktar baxxa l-inċident seta` faċilment jiġi evitat jew almenu l-impatt kien jirriżulta f'wieħed aktar moderat. Fil-fatt, minkejja l-kundizzjoni tat-triq, dak inhar ma kien reġistrat ebda inċident ieħor serju

u Amanda Haber xehdet illi meta x-xufier tal-ambulanza naqqas il-veloċita` l-ambulanza waslet fuq il-post mingħajr inkwiet.

Dawn il-fatturi magħduda lkoll flimkien ikomplu jsaħħu l-fehma tal-Qorti li għall-inċident jaħti unikament il-konvenut. Diversi huma l-fatturi li juru li d-danni sofferti mill-atturi seħħew konsegwenza tal-fatt illi l-konvenut naqas milli juża d-diligenza, l-prudenza u l-kawtela massima mistennija minn sewwieq ta' karozza aktar u aktar meta dan kien jaf x'kienu l-kondizzjonijiet partikolari fil-ħin li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu meta kkawża l-inċident. Il-konvenut kellu quddiemu sitwazzjoni li tirrikjedi prudenza qawwija tenut kont tal-fattur tal-liwja fit-triq u taż-żlieq[10].

PS 1233 John Attard jagħti l-impressjoni illi dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident donnha hija sinonima mal-inċidenti awtomobilistiċi tant illi xehed li din hija "*L-istess parti fejn kultant zmien jaqa biċċa mill-hajt, jahbtu go fih. Ikunu tielgħin u jiskidjaw u jmorru għan-naħa l-oħra.*"[11] Il-fatt illi dik il-parti tat-triq tpoġġi quddiem is-sewwieq aspetti aktar diffikultuzi jew partikolari fis-sewqan, ma tista qatt tezimi lis-sewwieq minn responsabilita`. Wara kollox, vetturi oħra li għaddew minn dik l-istess triq dak inhar stess ma ġralhom xejn.

Il-kriterji għall-azzjoni msejsa fuq ħtija akwiljani joħorġu mil-liġi stess. Prinċiplament ir-responsabilita` ċivili toħroġ mill-prinċipju rifless fl-Artikolu 1031 tal-Kap 16 li jistabbilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb għall-hsara li tigri bi htija tiegħu*"[12]. A tenur ta' l-Artikolu 1032(1) tal-Kap 16 huwa fi ħtija kull min jonqos milli juża l-prudenza, l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. Imbagħad, l-artikolu 1033 jipprovdi li kull min "*bil-hsieb jew mingħajr hsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi*" huwa obbligat li jirriżarċixxi d-danni[13]. Tajjeb jingħad illi l-frażi "*dmir impost mil-ligi*" għandha tinftihem bħala li tirreferi għal kull tip ta' ksur ta' xi liġi jew dover li l-liġi timponi fuq persuna f'ċirkostanzi speċifiċi. Dan l-obbligu huwa bbażat fuq il-

---

[10] Ara: **Marthese Pen Vella vs Carl Mario sive Karl Micallef et**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 27 ta' Marzu 2014

[11] A fol. 15 tal-proċess.

[12] Ara: **Michael D'Amato noe vs Filopmena Spiteri et**, Qorti Ċivili Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003

[13] Ara: **Mosè Tabone vs Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea**, P.A. 23 ta' Lulju 1958; **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe**, Appell Kummerċjali, 2 ta' Marzu 1962; **Alexander Eminyan noe vs Caroline Grech et**, P.A., 3 ta' Ottubru 2003.

massima legali *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ae quae non fecit*[14].

Illi, f'każ bħal dak ta' llum fejn l-atturi qegħdin jallegaw li ġarrbu ħsara konsegwenza tal-aġir tal-konvenut, jeħtieġ lill-atturi jippruvaw mhux biss l-att jew l-ommissjoni kommessa mill-konvenut iżda wkoll in-ness bejn id-danni mġarrba u l-aġir lamentat.

Il-Qorti diġa stabbiliet illi għall-inċident ta' llum jaħti unikament il-konvenut. F'dan ir-rigward l-attur ippreżenta rapport redatt mill-espert *ex parte*, il-konsulent ortopediku Mark Portelli. Fil-konkluzjonijiet tiegħu l-espert jgħid illi *"The current permanent physical disability related directly to the left ankle injury sustained on the 21/12/2016 and the consequent surgical intervention required after this trama. I rate the current physical disability to stand at 18%"*[15].

Il-Qorti tinnota li għalkemm il-konvenut irriżerva l-kontro ezami huwa ma talabx li dan isir.

Minbarra l-espert mediku ex parte, l-Qorti ħatret ukoll l-espert tagħha, Mr Carmel Sciberras. Fl-ewwel rapport tiegħu ikkonkluda illi l-attriċi Lucia Saliba sofriet debilita` ta' għaxra fil-mija (10%). Meta eżamina lill-attriċi wara li din kellha tiġi sottoposta għal intervent fl-għarqub, l-espert ikkonkluda li s-sitwazzjoni fil-gob tas-sieq kienet iddeterjorat b'tant li għolla l-perċentwal ta' diżabilita` b'żewġ punti perċentwali (2%). Għalhekk, ikkonkluda illi komplessivament l-attriċi ġarrbet debilita' permanenti ta' 12%.

Il-Qorti tosserva illi waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2020 il-konvenut ippreżenta nota fejn talab il-ħatra ta' perit perizjuri u rriżerva d-dritt għall-eskussjoni tal-perit tekniku Mr Carmel Sciberras. Waqt illi l-konvenut ressaq id-domandi tiegħu in eskussjoni ma nsistiex fuq il-ħatra tal-periti addizzjonali.

Oltre għall-espert ortopediku, il-Qorti ħatret ukoll l-espert psikjatriku tagħha, Dr Joseph Cassar sabiex jeżamina l-istat psikologiku tal-attriċi wara l-inċident mertu tal-kawża. Fil-konkluzjonijiet tiegħu jgħid illi *"fil-*

[14] **Emanuel Zammit noe et vs Charles Polidano noe et**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 27 ta' Mejju 2010
[15] A fol. 176 tal-proċess.

*prezent hija ssofri minn ansjeta` u nevrozi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder) b'rata ta' dizabilita` ta' 15%"*[16].

Rat illi fil-każ tal-espert psikjatriku la ġie riżervat il-kontro-eżami u lanqas ma tressqu ebda domandi in eskussjoni.

Dwar il-piż probatorju tar-relazzjoni teknika, fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża **"Calleja vs. Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –
***Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*** *Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest …. illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta` natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta` natura teknika.* (enfasi miżjuda).

Waqt illi l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jekk dawn imorru kontra l-konvinzjoni tagħha, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax tiskarata dik ir-relazzjoni b'leġġerezza jew kapriċċ. Il-konkluzjoni tal-Qorti dwar ir-relazzjoni u konkluzjonijiet tal-espert tagħha trid tkun ben infurmata, anki minn lat tekniku, u msejjsa fuq raġunijiet serjissimi li jqanqlu dubji dwar l-opinjoni teknika sottomessa[17]. Dan ifisser illi l-Qorti tista tiskarta relazzjoni teknika unikament f'ċirkostanzi fejn tkun konvita li l-konkluzijiet milħuqa mill-espert tagħha mhumiex ġusti u korretti[18].

[16] A fol. 162 tal-proċess.
[17] Ara: **Grima vs Mamo et noe**, Qorti ta' l-Appell, 29 ta' Mejju 1998
[18] Ara: **Cauchi vs Mercieca**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia**, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Jannar 2000; **Calleja noe vs Mifsud**, Qorti ta' l-Appell, 19 ta' Novembru 2001

Il-Qorti qieset bir-reqqa r-relazzjonijiet li ġew sottomessi mill-esperti minnha maħtura. Qieset ukoll id-domandi li saru in eskussjoni lill-espert ortopediku Mr Carmel Sciberras. Kompliet tqis illi ma tressqu ebda domandi in eskussjoni lill-espert psikjatriku Dr Joseph Cassar. Wara li qieset dan kollu l-Qorti sejra tagħmel tagħha l-konkluzjonijiet tal-esperti minnha maħtura sabiex jeżaminaw lill-attriċi u sejra tqis dawn bħala prova ta' fatt flimkien mal-provi l-oħra.

Wara li qieset il-provi bir-reqqa l-Qorti ssib illi jirriżulta ness bejn l-inċident u dak illi ġarrbu l-atturi, partikolarment il-ġrieħi mġarrba mill-attriċi, wara l-inċident. Tenut kont tal-provi kollha l-Qorti jidhrilha li l-konvenut għandu jġorr responsabilita` sħiħa għall-inċident minnu kkawżat u għad-danni li ġarrbu l-atturi.

Ferm il-premess, il-Qorti issa trid tgħaddi għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq favur l-atturi.

Fit-talbiet tagħhom l-attari jitolbu kumpens kemm għal-telf ta' qliegħ fil-futur (*lucrum cessans*) kif ukoll għad-danni attwali (*damnum emergens*). Mill-provi mressqa jidher illi l-bażi ta' din it-talba hija l-inċident tat-traffiku li konsegwenza tiegħu l-attriċi ġarrbet ġrieħi konsiderevoli f'sieqa x-xellugija kif ukoll problemi ta' natura psikjatrika. In oltre l-vettura li kienet qegħda tiġi misjuqa mill-atturi ġie ddikjarat *total loss*. Sabiex tasal għal likwidazzjoni finali l-Qorti trid tqis it-telf ta' qliegħ futur li l-attriċi ġarrbet minn dak inhar tal-inċident sa llum kif ukoll kull telf ieħor li ser issofri fil-futur riżultat tan-natura permanenti ta' l-inkapaċita' li ġarrbet. Il-Qorti triq tqis ukoll xi provi tressqu mill-atturi in sostenn ta' spejjeż minnhom inkorsi.

Għal dak illi jirrigwarda l-*lucrum cessans* jidher illi l-attriċi torbot il-pretensjoni tagħha mal-fatt illi għada impeduta milli tagħmel ix-xogħol tagħha fid-dar tant illi għal dan tiddependi fuq żewġha u fuq bintha. Torbot il-pretensjoni tagħha anki mal-fatt illi konsegwenza tal-inċident hija baqgħet tħossha psikoloġikament ħazin b'biża, ħolm ikrah, nuqqas ta' rqad u dwejjaq kbar.

Fil-każ ta' llum jidher illi l-vittma tal-inċident ġarrbet mhux biss ħsara fiżika iżda anki ħsara mentali. Kif ingħad mill-Qrati tagħna "*Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li,*

*safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilità li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilità li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan il-każ, il-perċentwali tad-diżabilità jistgħu jiġu "weighted" f'perċentwali globali."*[19]

F'dan ir-rigward, fejn ġew maħtura aktar minn espert mediku wieħed sabiex jirrelataw dwar diversi aspetti tal-ħsara mġarrba mill-attriċi, il-Qrati Maltin addottaw is-sistema magħrufa bhal *whole person impairment* sabiex jiġi deċiż id-diżabilita` totali mġarrba mill-vittma[20]. Fil-kamp tad-danni l-Qrati jgawdu minn diskrezzjoni wiesa' iżda meta tqis l-eta`, is-saħħa, il-limitazzjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi li ġarrbet u li għad trid tibqa ġġarab, il-Qorti tqis illi l-attriċi ġarrbet perċentwali ta' **debilita` totali** ta' tnax fil-mija (12%). Il-Qorti qieset ukoll illi l-qagħda psikologika tal-attriċi tjiebet mid-data tal-inċident il-quddiem tant illi mill-atti jirriżulta li qiegħda toħroġ u saħansitra anki ssuq meta tkun waħedha u qegħda wkoll torqod aħjar.

In kwantu għal likwidazzjoni tal-kumpens dwar telf ta' qliegħ fil-ġejjieni (*lucrum cessans*) ingħad illi "*Din il-materja m'għandhiex tkun soġġetta għal xi regola riġida, iżda għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jagħmel estimu ekwitattiv, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, avut rigward għan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intellettwali u l-kondizzjoni tal-parit lesa, kriterji imsemmija fil-liġi stess; u jasal għal ammont xieraq għall-każ b'apprezzament realistiku li jirrikonċilja ż-żewġ interessi konfliġġenti billi d-danneġġjat jingħata il-kumpens li jistħoqqlu mingħajr mad-debitur jiġi aġġravat iżżejjed. L-aqwa kriterju jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-ġudikant fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz."*[21]

---

[19] Ara: **Liliana Farrugia et vs Francis Gauci**, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Marzu 2014; **Maria Concetta Sammut vs Stephen Mc Carthy**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Lulju 2020

[20] Ara: **Jo-Ann Stivala pro et noe vs Lorenza Dimech**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Ottubru 2013; **Brian Micallef vs Brian Tyre Services Limited et**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 31 ta' Jannar 2014

[21] Ara: **Carmelo Muscat vs Francis Schembri et**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' Jannar 1972; **Emanuele Fenech et vs Omar Zammit**, Prim'Awla, Qorti Ċivili

Fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti trid tistħarreġ il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* f'kuntest fejn l-attriċi hija mara tad-dar u ma kellhiex impjieg u li fiż-żmien tal-inċident kellha erbgħa u ħamsin (54) sena.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Rosso vs Etienne Galea** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 2003 ingħad illi:

*"Illi f'dan ir-rigward jingħad li l-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż, għal dan il-fatt waħdu."*[22]

Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Guzeppi Grech et vs Emanuel Sultana** et deċiza fl-24 ta' Gunju 2008, minn din il-Qorti kif dak inhar presjeduta, fejn ġie ritenut is-segwenti:

*"Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi jkun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qliegħ attwali jew għal quddiem*[23]*. Fil-kawża* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiza fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: "Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpensa għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deċiza minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi oħra in materja.". Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*[24] *fil-kawża Susanne Davis et vs Anthony Galea deċiza fl-10 ta' Ottubru 1997 li "Il-maġġior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita' mingħajr ma jsir ezami profond jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur.". Din hi r-realta', minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat. F'dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawża Joseph Ċaruana vs Joseph Gafa deċiza fid-29 ta' Mejju 1998 reġgħet ikkonfermat li: "Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li teżiġi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha."*[25]*. Proposta li biha jiġi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat*

[22] Ara wkoll: **Carmelo Zammit et vs George Bezzina**, Appell Ċivili, 19 ta' Settembru 1973;

[23] Ezempju klassiku hu l-kaz ta' mara tad-dar fejn il-Qrati argumentaw li x-xogħol li tagħmel fid-dar xorta għandu jingħata valur ekonomiku għal finijiet ta' *lucrum cessans* u li għandha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż.

[24] Per Imħallef Noel Arrigo.

[25] Fil-kawża li diġa' saret riferenza għaliha fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et**, jingħad: "*Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-grad baxx ta'*

*irrispettivament dwar jekk fir-realta' l-ħsara kellix effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapaċita' li jkun sofra."*

La darba x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku u billi l-attriċi għandha tiġi meqjusa bħala l-persuna li tmexxi d-dar tagħha, il-Qorti tqis illi d-"dħul" tagħha għandu jiġi kkalulat skont il-paga minima nazzjonali li fiż-żmien tal-inċident de quo kienet bir-rata ta' €8,827.52[26].

Id-"dħul" tal-attriċi jeħtieġ illi jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-għoli tal-ħajja għal-perjodu kollu tal-*multiplier*[27]. Skont l-istatistika uffiċjali ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika r-rata tal-inflazzjoni fis-sena 2016 kienet dik ta' 0.64%[28].

Għar-rigward il-*multiplier*, fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtija fi żminijiet riċenti f'każijiet simili għal dak ta' llum, il-Qorti sejra taddotta *multiplier* ta' tmien (8) snin.

Dwar it-tnaqqis li jsir mis-somma minħabba *lump sum payment* il-Qorti tqis illi huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza li f'dawn ix-xorta ta' każijiet jiġi applikat tnaqqis ta' 20% peress li l-vittma tkun qegħda tiggwadanja minn ħlas ta' somma f'daqqa. Meta tiġi biex tapplika dan it-tnaqqis il-Qorti għandha tqis id-dekors ta' żmien bejn meta ġiet intavolata l-kawża u meta tingħata s-sentenza. Fejn jirriżulta li jkun ddekorrew aktar minn sentejn, il-Qorti għandha tnaqqas żewġ punti perċentwali (2%) għal kull sena li damet biex tiġi deċiza l-kawża. M'għandu jkun hemm ebda riduzzjoni jekk id-dewmien ikun imputabbli għall-aġir tal-attur.

F'dan il-każ l-atturi ma tilfux ħin u waqt illi l-inċident seħħ fil-21 ta' Diċembru 2016, l-ewwel interpellazzjoni u l-intavolar tar-rikors ġuramentat saru kontestwalment fid-19 ta' Gunju 2017. Il-Qorti tifhem illi fiż-żmien ta' bejn li seħħ l-inċident u bejn l-ewwel interpellazzjoni l-attriċi kellha prijoritajiet aktar impellenti fuq xiex tpoġġi l-enerġija

*diżabilita' għandu jxejjen il-possibilita' li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta' diżabilita' li jiġi stabbilit permezz ta' esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.*"

[26] Skont informazzjoni uffiċjali maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fis-sena 2016 il-paga minima nazzjonali kienet fl-ammont ta' €169.76 fil-ġimgħa li jammontaw għal €8,827.52 fuq medda ta' sena (€169.76 x 52 = €8,827.52)

[27] **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Mejju 2001

[28] Prices (gov.mt)

tagħha. Mill-atti jidher illi ma ntilef ebda żmien. Is-seduti nżammu b'mod regolari u l-partijiet kollha ħabirku sabiex ma jintilifx hin prezzjuż. Id-dewmien fl-għoti tas-sentenza huwa dovut unikament għall-kors naturali tal-proċeduri. Għalhekk sejra tapplika tnaqqis ta' 16% minħabba ħlas ta' *lump sum payment*.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet l-ammont dovut lill-atturi bħala *lucrum cessans* sejjer jiġi kkalkulat hekk:

€8,827.52 (dħul nett) x 0.64% (inflazzjoni) = €8,884.02[29]

€8,884.02 x 8 (*multiplier*) x 12% (debilita' permanenti) = €62,543.92

€62,543.92 - 16% = **€52,536.92**

Għal dak illi jirrigwarda d-*damnum emergens*, l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

***"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali…"***

F'dan il-kuntest l-atturi ressqu għadd ta' riċevuti li jixhdu spejjeż konsistenti f'xiri ta' mediċini u apparat speċjalizzat, eżamijiet mediċi, fiżjoterapija, konsulenzi, rapport mediku u saħansitra spejjeż b'rabta ma' intervent kirurġiku li l-attriċi għamlet fi sptar lokali privat.

Il-Qorti għarblet l-irċevuti sottomessi bir-reqqa u biċ-ċirkospezzjoni kollha mistħoqqa. Tqis illi għalkemm il-konvenut għażel illi ma jikkontestax dawn l-irċevuti u l-veriċita' tagħhom, dan minkejja l-fatt li ebda waħda mill-irċevuti ma ġiet maħlufa, hemm riċevuti li dwarhom il-Qorti għandhom dubju sejru kemm dawn huma relatati mal-ġrieħi mġarrba mill-attriċi. Tagħmel referenza għal 'Dok. AS4' a fol 92 li jirrappreżenta riċevuta fiskali maħruġa minn Sokkors Pharmacy fl-10 ta' Jannar 2017. Din l-irċevuta tirrappreżenta spejjeż għax-xiri ta' mediċini bl-isem Ativan Tabs u Xanax Tabs ammontanti din l-ispiża għat-total ta'

[29] €8827.52 (dhul nett) x 0.64% (inflazzjoni) = €56.50. L-ammont ta' €56.50 magħdud mad-dhul nett iwassal għat-total ta' €8884.02.

€14.24. Dawn il-mediċini jintużaw fil-kura ksikjatrika. Mill-atti jirriżulta illi ġa minn għaxar snin qabel l-inċident, l-attriċi kienet qegħda tirċievi kura, inkluż permezz tal-mediċini, minħabba depressjoni. Għalkemm huwa minnu li l-attriċi ġarrbet trawma konsegwenza tal-inċident, l-ewwel ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward iġġib id-data tal-14 ta' Mejju 2018 b'ċertifikat iffirmat mill-psikjatra Dr Anton Greċh[30] waqt illi t-tieni ċertifikat inħareġ mill-psikjatra Dr Joseph Spiteri fl-4 ta' Diċembru 2018. Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt illi l-inċident kien wieħed trawmatiku għall-attriċi biss għalkemm din damet rikoverata l-isptar għal tlett ġimgħat ma tirriżulta ebda referenza għal problemi ta' natura psikjatrika jew psikoloġika relatati direttament mal-inċident. Tqis għalhekk illi ma ġiex ippruvat illi l-akkwist tal-mediċini fuq indikati immedjatament wara li l-attriċi ħarġet mill-isptar għandu ness mal-inċident de quo. Għalhekk tqis li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.

Ġiet esebita wkoll riċevuta mahruga mingħand 'The Photoshop'. Il-Qorti ma tista' ssib ebda ness loġiku bejn din l-irċevuta u l-ġrieħi mġarrba mill-attriċi għalhekk lanqas din l-ispiża ma tirriżulta ppruvata[31].

L-atturi ppreżentaw ukoll riċevuta maħruġa mill-konsulent ortopediku Mr Raymond Aquilina. Din l-irċevuta ġġib id-data tat-28 ta' Awissu 2017 u fuqha hemm indikat l-ispiża ta' €160 relattiva din għal '*Medical Report*'[32]. Huwa minnu, kif jirriżulta mill-atti, illi l-attriċi ħadet l-opinjoni ta' diversi esperti dwar il-ġrieħi li sofriet, madanakollu, mill-atti ma jirriżulta ebda rapport redatt mill-konsulent imsemmi. Għaldaqstant, din l-ispiza ma tirriżultax ippruvata.

Lanqas ma jirriżultaw ippruvati l-ispejjeż indikati fl-irċevuti maħruġa minn Tony's Pharmaċy permezz ta' żewġ riċevuti separati wahda tat-30 ta' Diċembru 2016 u l-ohra tal-10 ta' Jannar 2017[33]. Iż-żewġ irċevuti jindikaw li l-ispiża hija marbuta ma' '*Goods*' iżda mhux magħruf dawn il-'*goods*' x'inhuma u wisq anqas huwa ppruvat li dawn il-'*goods*' għandhom xi ness mal-ġrieħi mġarrba mill-attriċi. Kien jinkombi fuq l-atturi illi jagħmlu l-prova sħiħa tal-ispejjeż li dwarhom jippretendu rifużjoni. La darba din il-prova ma saritx il-Qorti ma tistax sempliċement tassumi li dawn huma spejjeż inkorsi konsegwenza tal-inċident anki

[30] Dok. AS5 a fol. 99 tal-proċess.
[31] Dok. AS4g a fol. 92 tal-proċess.
[32] Dok. AS4L a fol. 97 tal-proċess.
[33] Dok. AS4M a fol. 98 tal-proċess.

għaliex tali preżunzjoni tista' tabilhaqq toħloq preġudizzju fil-konfront tal-konvenut li jiġi akkollat spejjeż li għalihom ma jġorr ebda ħtija.

Għal dak illi jirrigwarda l-bqija tal-irċevuti ppreżentati mill-atturi, tajjeb jingħad illi dawn l-irċevuti ġew ippreżentati f'okkażjonijiet differenti permezz ta' nota izda l-ebda dokument ma ġie ġuramentat. Madanakollu, wara li qabblet dawn l-irċevuti max-xhieda mogħtija mill-esperti mediċi, tenut kont tal-fatt illi dawn l-ammonti ma ġewx kontestati u li l-attriċi bil-ġrieħi li soffriet neċessarjament kellha bżonn kura estensiva, fiżjoterapija, mediċini u appartat speċjali, il-Qorti hija sodisfatta illi dawn l-irċevuti huma lkoll marbuta mal-inċident u għalhekk l-atturi għandhom jedd għal rifuzjoni ta' dawk l-ispejjeż li magħduda lkoll flimkien jammontaw għas-somma ta' **<u>€7,306.24</u>**.

Dan għandu jgħodd ukoll għall-ispejjeż relattivi għall-irmunkar tal-vettura u spejjeż amministrattivi ta' Transport Malta sabiex inharget iċ-ċertifikazzjoni li l-vettura ġiet *scrapped*. Għalkemm dawn l-irċevuti ma ġewx maħlufa, lanqas ma ġew ikkontestati. In ogni każ din kienet spiża inevitabbli għaliex il-vettura la setgħet tinstaq u wisq anqas tkompli tintuża. Għalhekk, dan l-ammont jirriżulta ppruvat. Din l-ispiża tlaħħaq it-total ta' **<u>€60.00</u>**.

Il-Qorti tosserva illi fl-affidavit tiegħu l-attur isemmi li qabel l-inċident il-vettura kellha valur fis-suq ta' €950. Dwar dan ma tressqet ebda prova. La tressaq *survey report* u lanqas ċertifikat tal-assigurazzjoni tal-vettura li fuqu solitament ikun indikat il-valur tal-vettura fis-suq. Għalhekk, fin-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi dan l-ammont ma ġiex ippruvat.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fost ir-rifużjoni għall-ispejjeż mitluba mill-atturi hemm ukoll spejjeż ġudizzjarji marbuta mal-proċediment ta' llum. Waqt illi dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' *damnum emergens*, jekk ikun il-każ dawn l-ispejjeż għandhom jitqiesu mat-talba tal-atturi għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji u għalhekk għandhom jidħlu bħala parti mit-taxxa ġudizzjarja tal-kawża.

Wara li ġew magħduda l-irċevuti rilevanti, jirriżulta li l-kumpens dovut bħala *damnum emergens* jammonta għas-somma komplessiva ta' **<u>€7,366.24</u>**.

Għalhekk, l-ammont totali in liwkidazzjoni ta' danni u ċioe, l-*lucrum cessans* magħdud mad-*damnum emergens* dovut lill-attur jammonta għas-somma komplessiva ta' **€59,903.16**.

**Decide**

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.

Tilqa' t-tieni t-talba u tillikwida d-danni fis-somma komplessiva ta' **€59,903.16**.

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' disgħa u ħamsin elf, disa' mija u tlett ewro u sittax ewro ċenteżmu (**€59,903.16**).

L-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 278/17 tad-19 ta' Gunju 2017 għandhom ikunu a karigu tal-intimat.

Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur